

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Ġunju 2010

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku

(2010/343/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Huwa l-għan tal-Unjoni li tistabbilixxi Ftehimiet qafas ta' kooperazzjoni dwar is-sajd ma' Partijiet terzi biex tiġi żgurata l-konservazzjoni u l-immaniġġar sostenibbli tal-ispeċi ta' interess komuni u l-aċċess ta' bastimenti tal-Unjoni għall-portijiet ta' Partijiet terzi għal operazzjonijiet ta' trażbord u żbark, u għal skopijiet loġistiċi.

(2) Fl-4 ta' April 2008, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika taċ-Ċili għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess billi ngħata bidu għall-Qbil dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku li ntlaħaq fil-15-16 ta' Ottubru 2008 fi Brussell kif modifikat minn (i) l-Anness I dettaljat għall-Qbil kif intlaħaq matul il-laqgħa teknika bilaterali tal-5-6 ta' Ottubru 2009 fi New York; (ii) in-Note Verbale taċ-Ċili tat-23 ta' Novembru 2009 li tagħżel il-portijiet taċ-Ċili ta' Arica, Antofagasta u Punta Arenas għal aċċess mill-bastimenti tal-UE għas-sajd tal-pixxispad fl-ibħra internazzjonali fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku, fir-rigward tal-punt (xi) tal-Anness I; u (iii) il-ftehim li l-ewwel laqgħa bilaterali tal-Kumitat Tekniku u Xjentifiku bilaterali ssir mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011 (il-"Qbil").

(3) Il-Qbil għandu jiġi ffirmat.

(4) Fid-dawl tal-interess tal-bastimenti tal-Unjoni għas-sajd tal-pixxispad fl-ibħra internazzjonali fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku li jiksibu aċċess għall-portijiet magħżula taċ-Ċili mingħajr dewmien, il-Qbil għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja sakemm jiġu kkompletati l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Għalhekk, huwa fl-interess tal-Unjoni li jiġi approvat il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Qbil,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fix-Xlokk tal-Oċean Paċifiku li ntlaħaq fil-15-16 ta' Ottubru 2008 fi Brussell kif modifikat minn (i) l-Anness I dettaljat għall-Qbil kif intlaħaq matul il-laqgħa teknika bilaterali tal-5-6 ta' Ottubru 2009 fi New York; (ii) in-Note Verbale taċ-Ċili tat-23 ta' Novembru 2009 li tagħżel il-portijiet taċ-Ċili ta' Arica, Antofagasta u Punta Arenas għal aċċess mill-bastimenti tal-UE għas-sajd tal-pixxispad fl-ibħra internazzjonali fl-Oċean Paċifiku tax-Xlokk, fir-rigward tal-punt (xi) tal-Anness I; u (iii) il-ftehim li l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Tekniku u Xjentifiku bilaterali ssir mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2011 (il-"Qbil") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Qbil, fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Qbil huwa b'dan approvat b'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Qbil.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

A. PÉREZ RUBALCABA
